

**DEĊIŻJONI (UE) 2017/2443 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tat-8 ta' Diċembru 2017****dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2018 (BĊE/2017/40)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
- (2) Id-19-il Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE it-talbiet tagħhom għall-approvazzjoni tal-volum ta' muniti li għandhom jinħarġu fl-2018, flimkien ma' noti spjegattivi dwar il-metodoloġija tat-tbassir. Uħud minn dawn l-Istati Membri pprovdew ukoll informazzjoni addizzjonali dwar muniti fiċ-ċirkolazzjoni, fejn din l-informazzjoni hija disponibbli u kkunsidrata importanti mill-Istati Membri kkonċernati biex tiġi ssostanzjata t-talba għall-approvazzjoni.
- (3) Peress li d-dritt tal-Istati Membri li joħroġu muniti tal-euro huwa soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ, il-volumi approvati mill-BĊE m'għandhomx jinqabżu mill-Istati Membri mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-BĊE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Approvazzjoni tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2018**

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti tal-euro li għandu jinħareġ mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-2018, kif jidher fit-tabella li ġejja:

*(EUR miljun)*

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2018		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Il-Belġju	48,8	1,0	49,8
Il-Ġermanja	421,0	218,5	639,5
L-Estonja	13,2	0,6	13,8
L-Irlanda	18,5	0,5	19,0
Il-Greċja	101,8	0,7	102,5
Spanja	321,1	30,0	351,1
Franza	262,5	51,0	313,5
L-Italja	203,9	2,1	206,0
Ċipru	12,0	0,1	12,1

<sup>(1)</sup> ĠUL 328, 12.12.2015, p. 123.

(EUR miljun)

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2018		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Il-Latvja	10,0	0,4	10,4
Il-Litwanja	22,0	0,5	22,5
Il-Lussemburgu	13,5	0,2	13,7
Malta	9,5	0,2	9,7
Il-Pajjiżi l-Baxxi	35,0	4,0	39,0
L-Awstrija	95,2	182,0	277,2
Il-Portugall	52,0	3,0	55,0
Is-Slovenja	24,0	2,0	26,0
Is-Slovakkja	17,0	1,5	18,5
Il-Finlandja	25,0	10,0	35,0
<b>Total</b>	<b>1 706,0</b>	<b>508,3</b>	<b>2 214,3</b>

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-indirizzati.

*Artikolu 3***Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Diċembru 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI